KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

Laqgħa Urġenti tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 58, miżmuma nhar it-Tnejn 21 ta' Mejju 2018 fil- 19.30, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Il-Laqgħa bdiet fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

- Anne Fenech — Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Daniel Grima — Kunsillier
- Dounia Borg — Kunsillier
- Robert Piscopo — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Edward Bugeja — Kunsillier

Membri Skużati:

- Mandy Buhagiar — Kunsillier
- Alfred Grima — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Joseph Vella — Kunisllier
- Rodney Galea — Kunsillier

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv – Elke Sghendo

AĠENDA 58

58.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

58.2 Approvazzjoni tar-rapport ta' Evalwazzjoni ta':
RESURFACING AND PATCHING OF 8 FARM ROADS WITHIN SAN PAWL IL-BAĦAR UNDER MEASURE 4.3 OF THE EUROPEAN AGRICULTURAL FUND FOR RURAL DEVELOPMENT

58.3 Tmiem tal-laqgħa

Minuti 58

## 58.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Il-Kunsillier Paul Buġeja qajjem *point of order* u qiegħed jiġbded l-attenzjoni li qedin isiru ħafna laqgħat b'urġenza u qiegħed jipproponi li issir laqgħa formali kull ħmistax jew kull gimgħa hekk skond il-bżonn. Irrimarka ukoll li l-Kunsilliera li ma attendietx il-laqgħa minħabba attivita organizzata mil-Kunsill mhiex valida. Wara dan il-Kunsillier Graziella Galea għamlet *point of order* li id-data tal-attivita ijlha ffissata numru ta'gimgħat u ma kienx jgħamel sens li tinżamm laqgħa propju f'din il-ġurnata. Il-Kunsillier Graziella Galea irimarkat li laqgħa urġenti trid tinżamm sa mhux aktar tard minn tlett tijiem mid-data tat-talba. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat kif

verbalment talbet id-Dipartiment għal għajnuna iżda ma kien hemm ħadt li seta' jattendi.

Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa biex jiġi ċċekjat fi xhin ser tispiċċa l-attivita ta' L-anzjani. Il-Kunsillier Graziella Galea kkonfermat li sa dan il-ħin l-attivita kienet spiccat.

Is-Sindku, qrat l-ittri tal-apologiji fejn Il-Kunsillier Antoinette Bezzina kienet qedgħa tieħu sehem f'attivita tal-Kunsill, Il-Kunsillier Joseph Vella kellu impenji ta' xogħol, Il-Kunsillier Rodney Galea u Mandy Buħaġiar ma jifilħux u il-Kunsillier Alfred Grima kien imsiefer.

## 58.2 Approvazzjoni tar-rapport ta' Evalwazzjoni ta':

## RESURFACING AND PATCHING OF 8 FARM ROADS WITHIN SAN PAWL IL-BAĦAR UNDER MEASURE 4.3 OF THE EUROPEAN AGRICULTURAL FUND FOR RURAL DEVELOPMENT

Is-Sindku introduċiet il-laqgħa billi qrat it-titlu tal-approvazzjoni tar-rapport ta' Evalwazzjoni.

Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa jekk hemmx xi fondi mil-Unjoni Ewropeja għal dan il-proġett u l-Kunsillier Graziella Galea spjegat li hemm 90% fondi mil-Unjoni Ewropeja u 10% responsabilta tal-Kunsill.

L-ADSE spjegat li din il-laqgħa saret għax hemm bżonn tal-approvazzjoni tal-Kunsill biex jkun jista jitkompla l-proċess.

Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa jekk b'din l-approvazzjoni huwiex ser jintgħażel il-kuntrattur li ser jgħamel ix-xogħolijiet. L-ADSE weġbitu li ser jintgħażlu l-kuntratturi li huma l-aktar *cheapest complaint.*

L-ADSE kompliet tispjega li kien hemm tlett *bidders* u min dawn it-tlieta wieħed mil-Kuntratturi kien iktar għoli f'kull aspett, mentri t-tnejn l-oħra provdew li kienu l-irħas b'hekk ix-xogħolijiet ser jitqasmu bejn żewġ kuntratturi b'erbgħa toroq (lots) kull wieħed

Il-Kunsillier Galea staqsiet saritx evalwazzjoni għal kull triq u L-ADSE ikkonfermat dan billi kompliet tispjega li t-Tender ħareġ bħala lots għaliex ix-xogħol jrid jitlesta fi zmien erba' ġimgħat.

L-ADSE kwotat iċ-ċifri ta' kemm ser jiswew ix-xogħolijiet għal kull kuntrattur u l-Kunsillier Bugeja staqsa jekk dawn iċ-ċifri humiex skond l-istimi tal-Perit u jekk humiex within budget. L-ADSE ikkonfermat.

L-ADSE kompliet tispjega li x-xogħolijiet tal- *Water Services Corporation* li jammontaw għal madwar €60,000 mhumiex inklużi fl-istima.

Il-Kunsillier Galea talbet kjarifika jekk dawn iċ-ċifri humiex inklużi jew esklużi il-VAT, L-ADSE weġbita li dawn iċ-ċifri huma eskluzi mil-VAT kif huwa wkoll l-ammont ta' €900,000

L-ADSE kompliet tispjega li x-xogħolijiet tal-Korporazzjoni tal-ilma ma jistawx jiġu rimbursati taħt din l-iskema.

Il-Kunsillier Bugeja ried kjarifika jekk ix-xogħolijiet tal-Korporazzjoni tal-ilma humiex inklużi fid €900,000 u L-ADSE weġbitu li mhumiex. Il-Kunsillier kompla jgħid li dawn ix-xogħoloijiet irid jsiru allura finalment iridu jitħalsu.

Il-Laqgħa ġiet sospiża sakemm tkelmet is-Sna. Mariella Strout.

L-ADSE qrat l-ismijiet tat-toroq li ser jsir ix-xogħolijiet fijhom:

- Wied Qannotta
- Triq Busewdien
- N/S off Burmarrad Street
- N/S off Burmarrad Road
- Triq Rural Track Bidnija
- Triq Rural Track in San Martin
- Triq Qarbuni
- Ras il-Wied

Il-Kunsillier Stephen Cremona xtaq kjarifika kif hemm żewg toroq bl-istess isem u l-ADSE spjegat li hemm differenza għaliex waħda hija *street* u l-oħra *road*. Kien hemm xi diskussjoni fuq fejn jinstabu dawn it-toroq u l-Kunsillier Galea kompliet tispjega li l-pjanti u d-dettalji kollha ta' dawn it-toroq jinstabu fl-Uffiżżju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali.

L-ADSE staqsiet jekk hemmx approvazzjoni.

Il-Kunsill approva unanimament.

## 58.3 Tmiem tal-laqgħa : 20.00

| | |
|---|---|
| <IFFIRMATA> | <IFFIRMATA> |
| ______________________ | __________________________ |
| Anne Marie Fenech | Mariella Strout |
| Sindku | Segretraju Eżekuttiv |